# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

Citazzjoni numru 452/1994

Illum 18 ta' Frar, 2002

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Nicholas Ciappara)**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**VS**

**JOHN POLIDANO U RITA SCHEMBRI**

**IL-QORTI**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputati u dan talli:

F'dawn il-gzejjer matul ix-xahar ta' Awissu, 1994 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru d-dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra, sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intrapisi foloz, ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh fl-ammont ta' madwar LM850 ghad-dannu ta' diversi persuni.

2. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement iffalsifikaw, cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-

kunsinja ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi Att pubbliku tal-Gvern u ghamlu uzu minn l-istess cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati.

3. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici jew fi skritturi kummercjali jew ta' banek privati b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u xjentement ghamlu uzu minn dawn l-atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' banek privati hekk falsifikati, ghad-dannu ta' diversi persuni.

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Polidano biss talli matul ix-xahar ta' Awissu 1994 f'dawn il-gzejjer:

4 Naqas, fi zmien tlett'ijiem minn dak inhar li laqa' ghandu cheque book u dokumenti ohra, li jaghti f'idejn l-awtorita kompetenti, il-hwejjeg milqugha, fuq imsemmija .

5 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu 2 tal-artikolu 5 tal-Kap 258 dwar il-Karta tal-Identita, bhala persuna li mhux ufficcjal awtorizzat, ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuq il-karta tal-Identita numru 256061 (M) jew xort'ohra hassar jew iddistrugga l-Karta tal-Identita fuq imsemmija.

6 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-persuna li ma hix detentur jew l-agent tad-dententur tal-karta tal-Identita numru 256061 (M) fil-qadi ta' xi htiega tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Karta tal-Identita jew xi ligi ohra f'isem id-detentur, kellu fil-pussess tieghu jew ghamel uzu, jkun li jkun mill-Karta tal-Identita fuq imsemmija.

7 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-persuna li gie fil-pussess tal-Karta tal-Identita numru 256061 (M) mahruga

fuq isem Raymond Dingli, naqas li minnufih jikkonsenjaha jew jibghatha lid-detentur taghha jew lil ufficjal awtorizzat.

8 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bil-hsieb li jqarraq, kiser xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 11 jew is-subartikolu 1 tal-artikolu12 tal-Kapitolu 253 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-karti tal-Identita u ffalsifika l-Karta tal-Identita numru 256061 (M) f'isem Raymond Dingli.

Rat l-akkuzi kontra Rita Schembri biss u dan talli fl-istess zmien u cirkostanzi:

9 Ghenet jew hajjret l-ghemil ta' xi reat imsemmi fil-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Karti tal-Identita.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li permezz taghha billi dehrlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputati taht dak li hemm mahsub:

**<u>Fil-konfront ta John Polidano</u>**

a.) Fl-artikoli 18, 308, 309, 167, 168, 169, 183, 184, 310 u 533 tal-Kodici Kriminali u

b.) Fl-artikoli 5 (2), 10, 11, 12 u 14 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-Konfront ta' Rita Schembri;</u>**

a.) Fl-artikoli 18, 308, 309, 167, 168, 169, 183, 184, 310,u 533 tal-Kodici Kriminali u

b.) Fl-artikolu 42 (d) tal-Kodici Kriminali u fl-artikoli 5 (2), 10, 11, 12,u 14 tal-Kapitolu 258 tal-ligijiet ta'Malta.

U ddecieda li jibghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta'

oggezzjoni da parti taghhom u prevja li din il-Qorti taghmel dak mitlub minnha fl-istess nota (ara fol 143 u 144 tal-atti).

Wara li l-Qorti ghamlet dak kollu mitlub fl-istess nota tal-Avukat Generali, semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni ghall-procedura msemmija (fol 172 u 173 ibid).

Rat id-digriet Taghha a fol 172 tal-atti u li fih gie nominat Dottor Anthony Abela Medici bhala espert ghall-iskop hemm premess.

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert (fol 189 et seq ibid).

Semghet lill-akkuzata minn jeddha.

Semghet lix-xhieda prodotta mid-difiza ta' John Polidano.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mil-istess atti, ma jidhirx li l-akkuzati effettivament ikkontestaw il-htija taghhom in konnessjoni mal-akkuzi in ezami kif migjuba kontra taghhom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi pero, ser isir riassunt tal-istess provi prodotti mill-prosekuzzjoni, liema provi huma is-segwenti:

a) <u>L-ufficjal prosekutur, l-ispettur, illum supretendent Nicholas Ciappara</u> spjega (fol 31 et seq ibid) li fit-3 ta' Awissu 1994, <u>David Vella</u> li jiggestixxi il-hanut tad-deheb f'Rahal Gdid kien ghamel rapport, li koppja, ossija mara u ragel, kienu xtraw minghandu gizirana bil-prezz ta' LM200

bil-pagament isir permezz ta' 'cheque'. Pero, in rigward dan ic-'cheque' hu kien sar jaf, meta mar il-bank, li dan ma setax jissarraf minhabba 'stop payment'. Fl-istess data tar-rapport imsemmi, kien sar iehor min Massimo Lubrano li jiggestixxi hanut iehor tad-deheb go Rahal il-Gdid. Dan ukoll informa lill-pulizija, li koppja kienu xtraw deheb minghandu, bil-hlas isir permezz ta' 'cheque', li wkoll ma setax jissarraf minhabba 'stop payment'.

Sussegwentement il-partijiet lesi imsemmija kienu gew murija diversi ritratti mill-pulizija u fuq dawn ir-ritratti kienu gharfu lill-koppja involuta ossija z-zewg akkuzati. Ghalhekk il-pulizija marru f'Birzebbugia, fejn fi triq, gie osservat l-akkuzat John Polidano jitkellem ma' guvni iehor.

Hawnhekk saret tfittxija fuq il-persuna ta' dan l-akkuzat u instabu fuqu madwar LM14 fi flus kontanti (l-annes dok NC 3). Pero, meta dan l-akkuzat ittiehed fl-ghassa tal-lokal, instabet fuqu brazzuletta (l-anness Dok NC 2) li aktarx kienet fil-qalziet ta' taht tieghu.

L-istess ufficjal prosekutur kompla jghid li fl-1 ta' Awissu, 1994 certu Raymond Dingli kien ghamel rapport lill-pulizija li fil-jum ta' qabel, kien sab nieqes, mill-van tieghu, 'pouch' kontenenti, fost affarijiet ohra, ktieb ta' 'cheques', 'cashlink card' kif ukoll il-karta tal-identita tieghu numru 256061 (M). Di fatti, kien irrizulta, li z-zewg 'cheques' mahrugin mill-koppja involuta kienu ffirmati minn certu "R. Dingli" u fuqhom kien hemm imnizzel numru tal-Karta tal-Identita tal-istess Raymond Dingli cioe 256061 (M).

In oltre, fis-6 ta' Awissu, 1994 saret tfittxija mill-pulizija gewwa r-residenza ta' John Polidano, fejn instabet l-akkuzata, u tat lill-istess pulizija gizirana wahda (Dok NC 10). Fl-istess residenza kien hemm basket kannella ta' mara, kontenenti ktieb ta' 'cheques' f'isem Raymond Dingli, kif ukoll karta tal-Identita numru 256061 (M) f'isem l-istess Dingli izda bir-ritratt mibdul u cashlink card (ara l-annessi Dok NC 6 u Dok NC 7 u Dok NC 8).

In rigward il-'cashlink card' imsemmija din kienet go 'cover' ahdar tal-bank involut u fl-istess cover kien hemm bicca karta bil-'PIN number' tal-istess card imnizzel cioe 8124 (ara l-istess Dok NC 8). In rigward ic-'cheque book' imsemmi, irrizulta li c-cheques kienu kollha uzati hlief ghal wiehed, waqt li kien ghad hemm erbgha minnhom miktubin, izda imwahhlin mal-mamma relattiva permezz ta' clip.

In oltre, in rigward l-akkuzata, fis-6 ta' Awissu, 1994, hi kienet informat lill-pulizija li fir-residenza msemmija kellha xi deheb iehor. (Dwar dan ara x-xhieda tal-ispettur Walter Spiteri a fol 136 et seq ibid kif ukoll dak li xehed l-istess ufficjal prosekutur a fol 31 tal-atti dwar l-anness dokumenti mmarkati NC 10 u NC 13 a fol 43 ibid).

Illi in sostenn ta' dak premess xehdu:

b) <u>Raymond Dingli</u> (fol 67 u 96 et seq ibid) spjega kif kien insteraq, mill-van tieghu, il-'pouch' imsemmi, kontenenti, fost affarijiet ohra, 'cashlink card', il-karta tal-Identita tieghu u cheque book mahrug fuq ismu. In rigward dawn l-oggetti hu kkonferma, quddiem din il-Qorti, li c-'cheque book' esebit in atti u mmarkat dok <u>NC 6</u> kien dak appartenenti lilu u misruq mill-van tieghu. In oltre, meta nsteraq, l-istess cheque book kellu tmien cheques ghadhom mhux uzati. In rigward iz-zewg cheques stakkati mill-mamma, izda mwahlin bi clip, hu eskluda li dawn kien kitibhom hu. In rigward il-karta tal-Identita numru 256061 (M) annessa u mmarkata Dok NC 7, hu sostna li din kienet tieghu, u li din kienet ukoll insterqet mill-istess van u li r-ritratt fuq l-istess karta tal-identita 'ma jixbah lili xejn'. Ix-xhud kompla jghid li l-'cashlink card' mmarkata Dok NC 8 kienet tieghu u difatti kien innota fuq il-bicca karta annessa, ukoll in atti, l-PIN number relattiv. In rigward il-premess, hu kien informa lill- bank involut u kienet inharget ordni ta' 'stop payment' fuq l-imsemmi cheque book, waqt li permezz tal-istess cashlink card

kienu ttiehdu LM15 (ara ukoll dak li xehed dwar l-anness Dok FF a fol 96 ibid).

c) David Vella (fol 71 u 92 et seq ibid) li jiggestixxi hanut tad-deheb bl-isem ta' "D. Vella Jewellery", ikkonferma, b'certezza li z-zewg akkuzati kienu gew fl-istess hanut fit-2 ta' Awissu 1994 u xtraw gizirana 'tal-pjanci' u salib bil-fosos, li l-istess akkuzati kienu hallsuh permezz ta' cheque ammontanti ghal LM200 wara li l-akkuzata kienet urietu l-imsemmija karta tal-Identita esebita in atti. Dan ic-cheque, pero, ma kienx issarraf mill-bank involut. Di fatti kien gie informat li kien wiehed misruq. In rigward l-istess cheque, ikkonferma li dan kien dak anness mal-atti in fotokopja u mmakrat Dok NC 5. Sussegwentement, ix-xhud kien esebixxa l-original tal-istess cheque (dok DV1 a fol 94 ibid).

d) PC 915 Joseph Abela (fol 77 et seq ibid) u PC945 John Cilia xehdu dwar it-tfittxija li saret kemm fuq il-persuna tal-akkuzat John Polidano u kemm fir-residenza ta' dan, kif spjega l-ispettur Nicholas Ciappara (ara fuq).

e) Paul Fenech (fol 83 et seq ibid) mhux imsemmi fix-xhieda tal-ufficjal prosekutur, u li jiggestixxi l-hanut tad-deheb imsemmi fix-xhieda tieghu. Anke f'dan il-kaz jidher li koppja maghmula minn mara u ragel kienu akkwistaw oggetti tad-deheb mill-hanut tieghu bil-hlas isir permezz ta' zewg cheques iffirmati "R. Dingli" (ara l-anness Dok PF a fol 91) liema cheques gew mibghuta lura lix-xhud mill-bank, minhabba 'payment countermanded'. In oltre, ix-xhud semma li kienet giet murija lilu, miz-zewg akkuzati, karta tal-identita deskritta minnu bhala 'wahda mkabra' u li hu gharaf bhala l-anness Dok NC 7.

f) Massimo Lubrano (fol 107 u 135 et seq ibid) inkarigat ukoll minn hanut tad-deheb bl-isem 'S. Debono Jewellers' effettivament irrakonta kif koppja, mara u ragel, kienet akkwistat mill-istess hanut, gizirana bil-prezz ta' LM230 liema prezz, kien jinkludi depozitu fuq gizirana ohra, bhal

fil-kazijiet ohra, thallas b'cheque li ma giex imsarraf ghall-istess raguni. In rigward l-istess koppja, hu gharafhom bhala l-akkuzati odjerni. In rigward dan, hu specifika li c-cheque involut f'dan il-kaz kien inkiteb mill-akkuzata izda ffirmat mill-akkuzat li kien urieh ukoll il-karta tal-identita tieghu deskritta wkoll bhala 'naqra imkabra' u li x-xhud gharaf bhala dik esebita in atti bhala <u>Dok NC 7.</u> L-istess xhud spjega li l-oggett mixtri mill-imsemmi hanut qatt ma kien instab. In oltre, hu ma setax isib ic-cheque in kwistjoni fl-original.

<u>g)</u> In rappresentanza tal-bank involut, gie prodott Alfred Debattista (fol 110 et seq ibid) li spjega li Raymond Dingli kellu kont kurrenti mal-istess bank liema kont kellu n-numru 14101650028. L-istess Raymond Dingli kien informa lill-bank u lill-pulizija li kien insteraq cheque book kontenenti tnax il-cheque enumerati minn 89 sa 100. Hu specifika li tlieta minn dawn ic-cheques kienu gew presentati ghall-pagament minn certu "A Camilleri", tad-ditta "S Debono Jewellers" u minn David Vella. Ix-xhud irrefera ukoll ghal cheque iehor (Dok AD 1 a fol 114 tal-atti) mahrug favur certu Eric Seychell (ara ukoll ix-xhieda ta' George Falzon a fol 115 u 134 et seq ibid ta' Alfred Camilleri a fol 117 et seq ibid u d-dokumenti a fol 56 sa fol 64 tal-istess atti).

<u>h)</u> In rigward il-valur ta' oggetti tad-deheb li nstabu mill-pulizija u li gew esebiti ma' l-atti, dawn gew stmati mill-espert nominat mill-Qorti, bhala valur, ammontanti ghal LM741 (fol 127 ibid).

<u>i)</u> L-akkuzati rrilaxxaw l-istqarrijiet bil-miktub annessi a fol 52, 54 u 65 tal-atti. <u>**L-akkuzat**</u> spjega kif f'Bulebel, kien <u>**sab**</u> 'cheque book', 'cashlink card' u karta tal-identita, liema oggetti eventwalment gabarhom minn fejn kienu. Hu spjega kif kien tpogga ritratt tieghu fl-istess karta tal-identita misjuba sabiex ikun jista jaghmel uzu mill-istess cheques misjuba. Sussegwentement, hu rrakonta kif kienu gew akkwistati diversi oggetti tad-deheb minn

hwienet differenti billi gew uzati cheques milll-istess ktieb hekk misjub, waqt li kienu gew mimlijin xi cheques ohrajn li pero, ma gewx uzati. In rigward l-oggetti akkwistati hu qal li whud minnhom kienu nbieghu minnu. Dwar il-premess hu spjega li kien jabbuza minn droga u kellu bzonn il-flus sabiex jakkwista l-eroina in vista li ma kienx f'pozizzjoni li jinghata 'methadone'.

Da parti taghha l**-akkuzata** fis-sustanza irrepetiet dak li kien stqarr John Polidano.

j) Ghal kull bon fini, issir referenza ghax-xhieda ta' Eric Seychell dwar l-imsemmi cheque immarkat dok AD 1 a fol 114 ibid u ghar-relazzjoni kaligrafika relattiva ghall-istess cheque u x-xhieda sottomessa minn Dottor Anthony Abela Medici (fol 192 ibid).

Ikkunsidrat

Illi kif diga inghad, l-akkuzati ssottomettew provi limitatament ghal piena li, talvolta, ghandha tigi applikata fil-konfront taghhom minn din il-Qorti. Dawn il-provi kienu s-segwenti:

a) Stefania Sant (fol 198 et seq ibid) in konnessjoni mal-akkuzata li qed trabbi tarbija u dwar il-progress li ghamlet l-istess akkuzata sabiex tehles mill-vizzju ta' tehid ta' droga.

b) L-istess akkuzata (fol 218 u 219 tal-atti) .

c) It-tabib George Grech (fol 205 u 206 ibid) li semma li l-istess akkuzata ma ghadhiex dependenti mill-eroina.

d) It-tabib John Zammit Montebello (fol 210 sa fol 212 ibid) dwar l-akkuzat u l-progress konsiderevoli li ghamel dan in konnessjoni mal-istess abbuz imsemmi u

e) Patri Hilary Tagliaferro (fol 215 ibid) dwar il-bidla radikali fil-mod tal-ghixien tal-istess akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li l-akkuzati kkommettew ir-reati kollha addebitati lilhom. Dan jidher b'mod car mill-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, liema provi bl-ebda mod ma gew kontestati mill-istess akkuzati.

Illi ghalhekk l-akkuzati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-akkuzati hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u cioe talli:

F'dawn il-gzejjer matul ix-xahar ta' Awissu, 1994 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru d-dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1 B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra, sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intrapisi foloz, ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh fl-ammont ta' madwar LM850 ghad-dannu ta' diversi persuni.

2 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinja ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi Att pubbliku tal-Gvern u ghamlu uzu minn l-istess cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati.

3 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzoni f’atti awtentici u pubblici jew fi skritturi kummercjali jew ta’ banek privati b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u xjentement ghamlu uzu minn dawn l-atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta’ banek privati hekk falsifikati, ghad-dannu ta’ diversi persuni .

Issib lil John Polidano wahdu hati talli matul ix-xahar ta’ Awissu 1994 f’dawn il-gzejjer:

4 Naqas, fi zmien tlett’ijiem minn dak inhar li laqa ghandu cheque book u dokumenti ohra, li jaghti f’idejn l-awtorita kompetenti l-hwejjeg milqugha fuq imsemmija .

5 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu 2 tal-artikolu 5 tal-Kap 258 dwar il-Karta tal-Identita, bhala persuna li mhux ufficcjal awtorizzat ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuq il-Karta tal-Identita numru 256061 (M) jew xort'ohra hassar jew iddistrugga l-Karta tal-Identita fuq imsemmija.

6 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala l-perusna li ma hix detentur jew l-agent tad-detentur tal-Karta tal-Identita numru 256061 (M) fil-qadi ta’ xi htiega tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-Karti tal-Identita jew xi ligi ohra f’isem id-detentur, kellu fil-pussess tieghu, jew ghamel uzu, jkun li jkun mill-Karta tal-Identita fuq imsemmija.

7 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala l-persuna li gie fil-pussess tal-Karta tal-Identita numru 256061 (M) mahruga fuq isem Raymond Dingli, naqas li minnufih jikkonsenjaha jew jibghatha lid-detentur taghha jew lil ufficjal awtorizzat.

8 Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jqarraq, kiser xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 11 jew is-subartikolu 1 tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 253 tal-Ligijiet ta’

Malta dwar il-Karti tal-Identita u ffalsifika l-Karta tal-Identita numru 256061 (M) f'isem Raymond Dingli.

**<u>Issib lil Rita Schembri hatja talli fl-istess zmien u cirkostanzi:</u>**

9 Ghenet jew hajjret l-ghemil ta' xi reat imsemmi fil-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Karti tal-Identita.

Rat l-artikoli:

**<u>Fil-konfront ta' John Polidano</u>**

a) L-artikoli 18, 308, 309, 167, 168, 169, 183, 184, 310 u 533 tal-Kodici Kriminali u

b) L-artikoli 5 (2), 10, 11, 12 u 14 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-Konfront ta' Rita Schembri;</u>**

a) L-artikoli 18, 308, 309, 167, 168, 169, 183, 184, 310, u 533 tal-Kodici Kriminali u

b) L-artikolu 42 (d) tal-Kodici Kriminali u fl-artikoli 5 (2), 10, 11, 12,u 14 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, a bazi tal-provi prodotti mill-istess akkuzati u mix-xhieda hawn fuq sintetizzata jidher evidenti li impozizzjoni u applikazzjoni ta' piena karcerarja tkun kontro producenti u kontra l-interess kemm tal-akkuzati kemm tal-komunita in generali.

In oltre, mill-fedina penali rispettiva jidher li sa dan il-kaz, l-akkuzati ma kienux instabu hatja ta' xi delitt gravi izda biss ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku u in rigward kontravenzjonijiet.

Ghalhekk sabiex ikunu segwiti ulterjorment, jkun opportun, f'dan il-kaz, li l-Qorti tordna, a bazi tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hrug tal-annessa ordni ta' **probation** li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Inoltre, tordna lill-akuzati sabiex ihallsu nofs kull wiehed (1/2) tal-ispejjes kollha in rigward nomina ta' esperti waqt dawn il-proceduri.

Irid jinghad ukoll, li jidher li l-oggetti tad-deheb involuti f'dan il-kaz kienu kollha nstabu u in rigward ir-rimanenti, il-valur relattiv ma setax jigi likwidat.

Ghalhekk l-istess Qorti ma setghetx tasal sabiex tista tordna xi kumpens f'dan il-kaz tenut kont ukoll li l-akkuzat cahad li uza l-'cashlink card' imsemmija (fol 53 tal-atti).

Alan Calleja
Deputat Registratur

Veru Kopja

Ghar-Registratur